**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 26 ta' Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Denise Miruzzi Mula)**

**Vs**

**GREZZJU AGIUS**

**Kump Nru 55/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Grezzju Agius** ta' 69 sena, ta' nazzjonalita Maltija, iben il-mejjet Pawlu u l-mejta Maria mitwielda Grima, imwieled Burmarrad fl-4 ta' Marzu 1942, resident 'Mary Ann', Triq il-Bdiewa, Bidnija limiti tal-Mosta u detentur tal-karta tal-identita numru 159842M, gie akkuzat talli:

1. Fix-xhur ta' qabel is-17 ta' Frar 2007 f'dawn il-Gzejjer, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik innifsek jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f'Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-18 ta' Jannar 2012 (ara *folio* 5) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f'dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

1. Illi formanti parti minn dan il-process odjern, hemm anness process iehor fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Michael Azzopardi" (255/09), deciz b'sentenza tat-23 ta' Novembru 2011. Dan il-process ghandu valur probatorju ghall-kaz tal-imputat odjern Grezzju Agius.

2. Illi l-istqarrijiet kollha esebiti f'dan il-process (inkluz dik tal-imputat) u dawk kollha esebiti fil-process imsemmi 255/09 supra, qed jigu skartati u mhux meqjusa u dana in linea mad-decizjonijiet li inghataw dan l-ahhar mill-Qrati ta' Malta;

**Ikkunsidrat;**

Illi fil-qosor dak li rrizulta f'dan il-kaz kien is-segwenti.

1. Illi l-pulizija bdiet tinvestiga kaz fejn allegatament, kien qed jinhargu certifikati / ittri ta' rakkomandazzjoni fejn fihom jigi ccertifikat li persuna tkun saret membru ufficcjali fil-klabb *'The Malta Air Rifle and Pistol Shooting Club'* u li *"it is our opinion that … is capable of handling such a weapon for sporting purposes after having successfully completed a course of instruction in safety regulations and handling".* Dawn ir-rakkommandazzjoniet / certifikati kienu

mbaghad qed jghaddu ghand il-Pulizija (l-awtorita pubblika) sabiex it-talba ghall-hrug tal-licenzja relattiva tkun tista tigi pprocessata;

2. Illi l-imputat Grezzju Agius, bhala 'Range Officer' kien qed jiffirma dawn id-dokumenti. L-imputat ma jikkontestax il-fatt li hu kien il-firmatarju fuq dawn id-dikjarazzjonijiet / certifikati;

3. Gie stabbilit illi lil numru ta' persuni kien inhargilhom dan ic-certifikat minghajr ma effettivament kienu ghamlu u kkonkludew kors ta' *instruction* kif mitlub. Fost dawn il-persuni, li ghalihom inhareg dan ic-certifikat, kien hemm Nicholas Caruana Turner, Mario Schembri, Jason Grima, Luca Migneco, Amadeo Vella, Anthony Ellul u John Agius;

4. Illi l-imputat, fix-xhieda tieghu li ta nhar it-23 ta' Frar 2016 u fil-11 ta' Mejju 2016, jiddikjara li kien ilu involut mis-sena 1977 bhala *'keeper'* tal-'Bidnija Shooting Federation'. Fis-sena de quo (2006-07) hu kien membru tal-kumitat. L-imputat insista, matul ix-xhieda tieghu, illi hu kien gie awtorizzat li jiffirma dawn l-'endorsments' u li kien ordnalu l-President u kien agixxa skond l-istruzzjonijiet tal-President. Xehed ukoll illi hu ma kien jaghmel eba vantagg ghalih inniffsu; izda jifhem illi aktar ma jidhlu membri fil-klabb koncernat, aktar ikun hemm dhul ghall-klabb bhala mizati. Dwar il-firem fuq ir-rakkommandazzjonijiet, l-imputat baqa jinsisti li hu kien qed jaghmel dak li jghidlu l-President;

5. Illi gie stabbilit li f'dak iz-zmien imsemmi fl-imputazzjoni 2006-2007 kien qed isir xi tibdil fir-regolamenti koncernanti l-armi tan-nar.

**Ikkunsidrat;**

Illi meqjusa dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz taghha skond il-ligi. L-elementi kollha tar-reat addebitat u kkontemplat fl-Artikolu 188 tal-Kap.9 gew ilkoll sodisfatti permezz ta' dawn ir-rizultanzi processwali.

L-imputat ma rnexxilux, almenu sal-grad tal-probabbli, li jiskossa l-kaz tal-prosekuzzjoni.

Persuna ta' dik l-eta u ta' dik l-esperjenza fil-qasam koncernat, ma jirnexxilux ibiegh l-idea illi hu ma kienx konxju minn dak li kien qed jiffirma u jiddikjara fid-dokumenti 'de quo'.

Lanqas jista l-imputat jirnexxi fid-difiza li ressaq, u cioe, li hu kien qed jesegwixxi ordnijiet superjuri moghtija, allegatament, mill-President tal-ghaqda.

**Ikkunsidrat;**

Illi dwar l-ahjar sanzjoni applikabbli l-Qorti qed tqis, fost ohrajn;

1. Il-fatt tal-eta avvanzata tal-imputat illum;

2. Il-fatt li f'dak iz-zmien kienu qed jinbidlu r-regolamenti relattivi;

3. Il-fatt tac-cirkostanzi li setghu inholqu meta huwa, bhala membru tal-kumitat, kien qed jigi inondat b'hafna certifikati ta' rakkommandazzjonijiet;

4. Il-fatt li l-imputat messu gharaf ir-responsabbiltajiet tieghu meta kien qed jaghmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet u dikjarazzjonijiet permezz tal-firma tieghu;

5. Il-fatt tat-trapass taz-zmien li ha dan il-process - fatt li ma hux tant imputabbli lill-imputat;

6. Il-fatt tal-karattru tajjeb tal-imputat – anke dan fid-dawl tal-fedina penali esebita.

**Decide;**

**GHAL-DAWN IL-MOTIVI IL-QORTI** wara li rat l-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni kif migjuba kontra tieghu u tilliberah bil-

kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat fi zmien tmintax (18)-il xahar mill-lum u dana kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur